# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' Jannar, 2017**

Kawza Numru: 17/2015JB

Numru: 13

**Jonathan Grech (K.I.: 26385G)**

***vs***

**Philip Formosa u b'digriet tal-15 ta' Dicembru 2015,
gew kjamati fil-kawza Paul u Carmen konjugi Mifsud**

It-Tribunal,

Ra t-talba prezentata nhar it-22 ta' Gunju 2015 fejn ghar-ragunijiet hemm premessi, l-Attur talab li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' disa' mija u sebgha u hamsin euro u tlieta u tletin centezmu (€957.33) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz ta' appalt ghat-tqeghid ta' madum fi kmamar tal-banju gewwa fond fl-Ghasri. Talab ukoll l-ispejjez u l-imghax.

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-25 ta' Settembru 2015 (a fol 10);

Ra li l-Konvenut, debitament notifikati bl-atti (a fol 3ter), laqa' ghal din l-azzjoni billi nhar il-11 ta' Settembru 2015 ipprezenta risposta fejn fiha eccepixxa dan li gej:

1. Illi l-Konvenut mhuwiex il-legittimu kuntradittur stante li l-irwol tieghu bejn is-sidien tal-fond, Paul u Carmen konjugi Mifsud, u l-Attur kien biss li jlaqqa' l-partijiet;

2. Illi l-Attur ma thallasx il-bilanc pretiz minnu peress li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u biex jitranga jrid jinqala' kollu bi spejjez akbar;

3. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra l-verbal tas-seduta tal-25 ta' Settembru 2015 (a fol 16) fejn il-gudikatur sedenti, Dr Kevin Mompalao astjena milli jisma' l-kawza;

Ra l-Avviz ta' Riappuntament fejn il-kawza giet mill-gdid appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-15 ta' Dicembru 2015 (a fol 17);

Ra l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Dicembru 2015 (a fol 23) fejn it-Tribunal laqa' t-talba tal-Konvenut sabiex jigu kjamati fil-kawza Paul u Carmen konjugi Mifsud;

Ra l-verbal tas-seduta tal-15 ta' Jannar 2016 (a fol 28) fejn il-kjamati fil-kawza gharrfu lit-Tribunal li kienu qeghdin jassocjaw rwiehhom fir-risposta tal-Konvenut;

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi l-kawza odjerna tirrigwarda hlas ta' appalt. L-Attur jghid li hu tqabbad mill-Konvenut sabiex iwettaq xoghol f'dar fl-Ghasri. Il-Konvenut jilqa' ghal din l-azzjoni billi jghid li l-uniku involviment tieghu kien li jlaqqa' lill-partijiet u li kwindi ma kienx il-kommittent u ghalhekk mghandux relazzjoni guridika mal-Attur. Jghid ukoll li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha. Gew imsejjha fil-kawza is-sidien tal-fond fejn saru x-xogholijiet li da parti taghhom ma pprezentawx risposta izda ghamlu taghhom ir-risposta tal-Konvenut.

It-Tribunal sejjer iqis iz-zewg eccezzjonijiet separatament.

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi jemergi li l-Konvenut kien imqabbad bhala *turnkey contractor* mill-Kjamati in Kawza. Il-Konvenut min-naha tieghu qabbad lill-Attur sabiex jaghmel xi xogholijiet. Dan jikkonfermah sija l-Attur meta xehed (a fol 33) u anke l-Kjamat in Kawza (a fol 63 *et seq* u 125). Dan jghid li l-ftehim dwar rati sar bejnu u bejn il-Konvenut. Jghid li l-hlas huwa ghamlu lill-Konvenut ghad li dan talbu jaghmel ic-*cheque* pagabbli lill-Attur. Da parti tieghu, il-Konvenut, meta xehed (a fol 93), stqarr li kien gie avvicinat mill-Kjamat in Kawza sabiex jaghmel xi xogholijiet, inkluz xoghol ta' tqeghid ta' madum. Billi ma jafx iqieghed madum, dan ix-xoghol ghaddieh lill-Attur, ghad li jinsisti li ma ftehmx li se jhallas hu ghax-xoghol. In kontro-ezami, il-Konvenut jghid li hu kien issugerixxa prezz lill-Attur u staqsieh jekk kienx accettabbli ghalih. Fil-mori tal-kawza giet prezentata kopja ta' okkorrenza (a fol 108) li saret lill-Pulizija wara li l-Kjamati in Kawza ircevew xi messaggi minghand l-Attur. Ma jidhirx li dan il-fatt, huwa kkontestat.

Issa minn dan kollu, jirrizulta li fil-waqt li jidher li l-ftehim tal-appalt sar bejn il-Konvenut *qua* kommittent u l-Attur, il-Kjamati in Kawza ma kienux kompletament estraneji ghan-negozju. Min-naha taghhom jidher li accettaw li johorgu pagament lill-istess Attur fil-waqt li rinfaccjati b'din il-kawza, ghamlu taghhom l-eccezzjonijiet tal-Konvenut. Min-naha 'l ohra,

ghad li l-Attur jinsisti li l-ftehim tieghu kien mal-Konvenut, ma ddejjaqx jindirizza direttament lill-Kjamati in Kawza.

It-Tribunal iqis li l-linja difensjonali emegenti mill-ewwel eccezzjoni ma tistax tigi invokata simultanjament kemm mill-Konvenut kif ukoll mill-Kjamati in Kawza li ghazlu li jadixxu mar-risposta tal-Konvenut, bl-akkwixxenza tal-istess Konvenut. Aktar u aktar meta mill-assjem tal-provi jirrizulta li r-relazzjoni li huma kellhom mal-Konvenut kienet ta' *turnkey contractor*. Fi kwalunkwe kaz, jidher li kemm il-Konvenut kif ukoll il-Kjamati kellhom b'xi mod x'jaqsmu mal-Attur u ma jkunx floku li wiehed jilqa' din l-eccezzjoni fir-rigward ta' xi had minnhom.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal iqis li ma jistax jasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel eccezzjoni tregi fil-konfront tal-Konvenut u tal-Kjamati in Kawza u sejjer jichadha.

Ikkunsidra;

Illi sorvolata l-ewwel eccezzjoni, imiss li tigi trattata t-tieni eccezzjoni u cjoe dik li x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha.

Illi huwa car li r-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet dik ta' appalt. Il-ligi taghna hija kemmxejn karenti dwar dan l-istitut tant li l-appalt huwa trattat bhala sezzjoni minn sub-titolu dwar il-ligi tal-kera fil-Kodici Civili (Kap. 16). Minkejja dan, il-gurisprudenza taghna hija fonti ghal hafna taghlim u dan it-Tribunal iqis li sabiex ikun jista' jiddeciedi l-odjerna vertenza, tenut kont tal-azzjoni u d-difizi sollevati, ghandu jaghti harsa lejn il-gurisprudenza in materja. Il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2004 fl-ismijiet "Pierre Darmanin *vs* Moira Agius *et*" elenkat sitt kunsiderazzjonijiet ta' dritt in materja ta' appalt, u dan b'riferiment specifiku ghal gurisprudenza nostrana:

I. Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li l-quddiem juri difetti. "*L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria*" (Koll. XXVII.i.373). Dan fis-sens li hu "*ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu*" (Koll. XL.i.485);

II. "*L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina*" (Koll. XXXVII.iii.883). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "*f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmelx ix-xoghol jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu l-quddiem*" (Mario Blackman *vs* Carmelo Farrugia *et noe*", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972);

III. Dan hu hekk avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (Koll. XLI.i.667) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-*ispecifications* jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent. "*E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell'arte*" (Koll. XXV.i.727). Kif ahjar imfisser u spjegat, "*l-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opra sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-*

*appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent*" (Koll. XLII.ii.1003);

IV. Huwa pacifiku wkoll illi l-hlas tal-prezz tal-appalt jew il-hlas akkont ma jfissrux necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan fil-fatt jirrizulta difettuz (Koll. XLI.ii.892);

V. Meta allura jirrizultaw dawn id-difetti… l-appaltatur jitqies in kolpa minhabba inadempiment. "*Il-kolpa kontrattwali hija dik li tikkonsisti fin-nuqqas ta' l-ezekuzzjoni, jew f'ezekuzzjoni hazina, ta' l-obbligazzjoni rizultanti mill-kuntratt*" (Koll. XXXVIII.i.292);

VI. Effettivament, it-tutela akkordata mil-ligi lill-kommittent tinkwadra ruhha fl-ambitu ta' dik ir-responsabilita` kontrattwali normattiva minhabba inadempiment. Li jfisser li l-kommittent jista' jopta li jagixxi gudizzjarjament jew bl-ezekuzzjoni specifika ta' l-appalt jew bl-azzjoni li twassal ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt (Art 1069 (1) tal-Kodici Civili). Fil-kaz il-wiehed jew l-iehor il-kommittent ikollu d-dritt jirreklama d-danni (Art 1069 (2)).

Ikkunsidra;

It-Tribunal qies sew il-provi ezawrjenti li jinsabu in atti. Minn dak li xehdu l-kontendenti, jidher li l-kriterju ewlieni li ddetermina dan ix-xoghol ta' appalt *de quo* kien il-prezz. Jemergi car li t-tqancic kien kriterju ewlieni fil-kummissjoni. Minn ezami tal-provi jirrizulta li l-lanjanzi fir-rigward tax-xoghol huma diversi u jinkludu l-qlib u l-fatt li certu madum ma tqieghedx a sodisfazzjon tal-klijent. Minn ezami tal-provi jidher li meta l-Attur gie biex jahdem, dan sab xi kumnikazzjonijiet ghaddejjin li minhabba fihom ma setax jahdem b'mod li x-xoghol ikun ghas-sodisfazzjon tal-klijent. Il-Kjamati in Kawza jidher li kienu a konoxxenza ta' dan. Imbaghad hemm kwistjoni dwar it-twahhil ta' *feature wall.* Meta xehed l-Attur dan stqarr li ma kienx jaf iqieghdu tant li l-Kjamat indahal biex jghin. Certament li din mhijiex sitwazzjoni felici imma t-Tribunal iqis li xejn ma kien izomm lill-kommittent sabiex iwaqqaf lill-appaltatur u jholl l-appalt – jedd naxxenti mil-ligi li jidher li ma giex invokat. Dan l-istat ta' fatt irid jitqies ukoll fid-dawl li x-xoghol inghata bi prezz baxx u ma jidhirx li meta nnegozjaw l-Attur u l-Konvenut dahlu fid-dettalji tal-*feature wall*.

Imma fil-fehma tat-Tribunal, wiehed ghandu jqis jekk ix-xoghol li sar kienx tassew xoghol hazin jew inkella kienx xoghol li ma giex a pjena sodisfazzjon tal-klijent.

It-Tribunal qies fit-tul dwar dan, u mill-assjem tal-provi ma jidhirx li fil-kaz odjern kien hawn xi nuqqas tal-Attur. L-Attur jidher li esegwixxa dak li kien ikkuntrattat sabiex jaghmel. Kull nuqqas li rrizulta mix-xoghol kien prevedibbli sija ghall-Konvenut u anke ghall-Kjamati in Kawza. It-Tribunal ma jqisx li hawn difetti fil-manodopera.

Illi fic-cikostanzi t-Tribunal ma jqisx li fil-kaz odjern hawn lok ghal temperament tal-prezz tal-appalt. It-Tribunal iqis li l-Attur irnexxielu jipprova t-talba tieghu u mhemmx lok sabiex tintlaqa' t-tieni eccezzjoni u ghalhekk se tigi michuda wkoll.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi, prevja li jichad l-eccezzjonijiet kollha, jilqa' t-Talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut u lill-Kjamati in Kawza, *in solidum* ihallsu lill-Attur is-somma ta' €957.33, bl-imghax mid-data tan-notifika

tal-kawza.  L-ispejjez kollha tal-proceduri ghandhom ikunu sopportati mill-Konvenut u mill-Kjamati in Kawza.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*